MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

[Nhar il-Tlieta 23 ta' Mejju 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fl-4 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippreseda l-laqgħa fis-5.45pm.

## 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

43.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittri ta' apoloġija tal-kunsilliera Wayne Hewitt u Graziella Attard Previ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku għandu jasal fis-6pm.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.2.1 Is-Sindku qal illi sab soluzzjoni għal-klabb tar-rugby [ref punt 42.2.1].

43.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi TM għandom jistudjaw il-proposta biex triq Antonio Sammut isir one-way [42.2.4] biex jaraw x'effett se jkun hemm minħabba l-proġett ta' Kappara. Żied illi TM għandom jieħdu ħsieb ix-xogħol (scarifying) illi hemm bzonn fil-parti ta' fuq ta' triq Emmanuel Giordano.

43.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mas-sur Ray Abela ta' TCTC biex nibdew noffru kors ta' ECDL fil-lokalita [ref punt 42.2.5]. Fuq dan il-punt żied illi l-Active Ageing Unit huma lesti joffru kors fuq ICT fis-sala tal-Kunsill.

43.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wieħed jista jsib it-tender tal-Public Convenience fuq is-sit tal-e-tendering [ref punt 42.2.6] u għandom sas-6 ta' Ġunju biex japplikaw.

43.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-vettura [Citroen Berlingo Multiplus] waslet fil-ġurnata tal-laqgħa [ref punt 42.2.9]

43.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma sab l-ebda raġuni għalfejn il-Kunsill ħallas inqas flus lill-WasteServ fil-passat [ref punt 42.2.10] u li l-WasteServ u d-DLG approvaw illi nħallsu €2500 kull tlett xhur sakemm inkunu break-even. Il-Kunsill xorta waħda se jkompli jara għalfejn konna żammejna l-flus fis-snin 2009 u 2012.

**Il-Viċi Sindku wasal fis-5.55pm**

43.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi GreenPak qegħdin ilestu l-kartoon għall-fuljett tal-iskola [ref. punt 42.3.1]

43.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fis-S.L hemm miktub illi l-impjegati għandom dritt illi jaħdmu bir-Reduced Hours [ref punt 42.3.3] f'każ illi għandom jieħdu ħsieb it-tfal iz-zgħar. Żied illi għandu jara x'tgħid il-Collective Agreement ħalli l-impjegata tkun tista taħdem bit-teleworking wara s-2pm.

43.2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat ittra lill-mekaniks kollha ta' triq Emmanuel Giordano. F'każ illi ma jieħdux azzjoni sal-aħħar tal-ġimgħa [26/05/2017] nieħdu passi bl-għajnuna tal-pulizija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva lmenti wkoll fuq *issue* simili f'triq Luqa Briffa [bejn il-kantuniera ma Sliema Rd. u l-kantuniera ma Manoel de Vilhena] u se jibgħat l-istess ittra.

43.2.10 Is-Segretarju Eżekkutiv qal illi persuna waħda biss applikat għat-tender bħala organizer tal-attivitajiet tal-anzjani u li l-evaluators qablu unaniment illi tieħu t-tender. Is-Sindku approva u s-Sindku ssekonda l-proposta.

43.2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ta l-updates rigward il-permessi tat-Tower Cranes [ref punt 42.5.3]:

Coleridge: TM approvaw li t-triq isir one-way u l-kuntrattur beda jaħdem bit-Tower Crane. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva lmenti minn residenti li esprimew il-biza tagħhom illi hemm aċċess għall-propjeta tagħhom iżda kien ta kundizzjonijiet lill-kuntrattur, fosthom illi jagħlaq kull aċċess illi hemm għall-propjeta ta' ħaddieħor.
Fuq dan il-punt il-kunsillier Joseph Galea qal illi l-kuntratturi għamlu substation taħt il-propjeta tan-nies mingħajr ma sar konsultazzjoni magħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jara ma EneMalta u MEPA biex jaraw jekk kien ħareġ permess minn naħa tagħhom.

Manoel de Vilhena/Rue D'Argens: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda update minn naħa tal-kuntrattur.

Carlo Manche: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħareġ permess biex jibda jarma t-Tower Crane. Il-kuntrattur kien ħa 2 postijiet ta' parkeġġ inizjalment u wara intervent mill-Kunsill, mexa skond il-Block Plan u se jokkupa biss 1 parking.

43.2.12 Il-Kunsill qabel illi ssir CCTV fil-Pjazza Meme Scicluna bħala l-ewwel hot spot fil-lokalita [ref punt 42.7.1]

43.2.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu catalogue tat-tip ta' bankijiet għax-Xatt. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi nirranġaw dawk illi għandna issa l-ewwel u li nistudjaw l-options kollha.

## 43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

43.3.1 Il-Kunsill irċieva talba għal-Un/Loading ġewwa triq Ponsomby. Wara diskussjoni il-Viċi Sindku Ralph Mangion ippropona li nibagħtu t-talba lil TM peress illi diġà hemm bays simili fit-triq u peress illi se nieħdu iżjed parking minn nies. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekonda l-proposta.

## 43.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

43.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kien irċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri.

## 43.5 Rapporti

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba għar-RESERVED bay ġewwa Kubrit Str. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba għal Keep Clear ġewwa triq Carlo Manche. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi TM ma sabu l-ebda oġġezzjoni għat-tabella ta' RESERVED parking għall-Lotto Office max-Xatt. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

43.5.2 Il-kunsillier Neville Chetcuti ta rapport qasir rigward il-Local Community Innovation Fund li ġie diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun. Qal illi se jkun hemm fondi għall-kunsilli biex jintużaw għall-ġid tal-kommunita. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi hemm time-frame ta' tlett snin.

43.5.4 Management Letter: Is-Segretarju Eżekuttiv sema l-punti importanti li hemm fil-Management Letter u ta updates vis-a-vis x'passi ħadna minn l-ewwel ta' Jannar s'issa fuq ċerti punti, kif ukoll liema huma l-punti oħrajn illi għandna niffukaw fuqhom. Is-Sindku ppropona li naċċettaw il-Management Letter. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

## 43.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

43.6.1 Laqgħa mal-Perit rigward il-kontijiet pendenti: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva emajl mill-perit biex jiskuża ruħu li ma jistax jattendi.

43.6.2 Kontijiet pendenti mall-IRD: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skond l-IRD għandna kont pendenti ta' madwar €3350 minħabba kontijiet illi ma ġewx imħallsin fis-snin 2001/2008/2010/2012/2016. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal issa ma jistax jitkellem fuq il-kontijiet l-antiki iżda fi 2016 konna ħallasna l-kontijiet kollha li kienu dovuti bejn Jannar u Diċembru ta' 2016.

43.6.3 Il-kunsillier Joseph Galea qal illi hemm bzonn nordnaw pest-control max-Xatt għax hemm il-wirdien u ġrieden. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekonda l-proposta.

43.6.4 Is-Sindku ppropona li l-impjegati ta' JobPlus jibdew jaħdmu b'roster fejn isir manutenzjoni ta' 2 toroq kull ġimgħa. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

43.6.5 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm bzonn nirranġaw it-tabella li tindika li hemm aċċess għal Manoel Island [quddiem il-Cafe Jubilee] peress illi wieħed twil jista jaħbat rasu.

43.6.6 Il-Viċi Sindku qal illi hemm persuna li qed ibiegħ l-ikel u x-xorb mill-propjeta ta' Paul and Rocco u rċieva lmenti mingħand sidien ta' postijiet kummerċjali viċin. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi kien diġà għaraf lill-Kunsill dwaru. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jibgħat lill-Trading Licence Unit peress illi, jekk il-persuna għandu liċenzja ta' street hawker, għandu jaħdem 50 metru bogħod minn postijiet oħra kummerċjali.

## 43.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

42.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni. Ma kien l-ebda oġġezzjoni.

## 43.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

43.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata għall-13 ta' Ġunju 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |